

Brussell, 10 ta' Jannar 2023
(OR. en)

15459/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0389 (NLE)

POLCOM 195
COASI 227
ASIE 104

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti u l-adozzjoni r-regoli ta' proċedura għall-panel ta' esperti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit
skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun
għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' individwi
li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti u l-adozzjoni r-regoli ta' proċedura
għall-panel ta' esperti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 16.18(4), il-punt (d), tal-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerè u l-Iżvilupp Sostenibbli (il-“Kumitat”) għandu jistabbilixxi lista ta' mill-inqas 10 individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti fuq il-panel li se jitlaqqa' biex jeżamina kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu 16.
- (3) Skont l-Artikolu 16.18(2) tal-Ftehim, il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura għall-panel ta' esperti.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat, peress li d-deċiżjoni prevista se tkun vinkolanti għall-Unjoni.
- (5) Skont l-Artikolu 22.3(3) tal-Ftehim, il-Kumitat jista' jieħu deċiżjonijiet bil-miktub,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1907 tal-20 ta' Diċembru 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (ĠU L 330, 27.12.2018, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika fir-rigward tal-istabbiliment tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala esperti u l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura għall-panel ta' esperti, kif imsemmi fl-Artikolu 16.18 ta' dak il-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell ...

Għall-Kunsill

Il-President
